VALLETTA CULTURAL AGENCY

**L-Ewwel Artista f'Residenza tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta**

L-ewwel artista f'residenza tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Francesca Lombardi, bħalissa tinsab f'pajjiżna biex tipproduċi bċejjeċ tal-arti sinonimi magħha; maskri ispirati minn elementi li jsawru l-ħajja ġewwa l-Belt, il-fiżikalità, u n-nies tagħha. Ix-xogħlijiet finali se jkunu esibiti għall-pubbliku ġenerali ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta mill-Ħamis 14 sas-Sibt 17 ta' Novembru, bejn l-10.00 u s-19.30, bħala esibizzjoni li ġġib l-isem ta' 'Hidden Island'. L-esibizzjoni se titnieda nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru fis-18.30, b'intervent mill-artista stess waqt is-serata.

L-artisti magħżula għal dan il-proġett jingħataw iċ-ċans li jgħixu u jaħdmu ġewwa l-Belt Valletta għal ġimgħatejn. Waqt l-esperjenza tagħha f'Malta s'issa, Francesca marret f'diversi postijiet madwar il-Belt Valletta fi tfittxija għal imkejjen u persuni li jispirawha, kif ukoll għal materjali karatteristiċi għal dawn il-postijiet li tista' tuża biex minnhom toħloq il-maskri tagħha. Il-materjali magħżula mill-artista ġew ipprovduti minn ħaddiema tas-sengħa u membri oħra tal-komunità Beltija, li se jkunu wkoll involuti fit-tnedija tal-prodott finali għall-pubbliku. Fil-fatt, se jkun esibit ukoll sett ta' ritratti ta' diversi membri tal-komunità lebsin il-maskri.

L-artista Taljana Francesca Lombardi hija l-ewwel artista li ġiet magħżula għall-programm ta' artisti f'residenza tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, InnovAiR 2019. Dan il-programm, li bħalissa jinsab fl-ewwel edizzjoni tiegħu, ġie stabbilit fl-2019 flimkien mal-Aġenzija u l-ewwel Programm Kulturali tagħha għall-Belt Valletta, u huwa mibni fuq il-legat tal-programm ta' artisti f'residenza li twettaq mill-Fondazzjoni Valletta 2018 għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Il-programm InnovAiR inħoloq sabiex jarrikkixxi u jikkontribwixxi għall-kuntest kreattiv nazzjonali, fejn il-Belt Valletta hija kemm motivant kif ukoll benefiċjarju. Ġewwa l-konfini tal-Belt il-programm ta' residenza jrawwem il-kollaborazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-artist/i u l-komunitajiet ta' artisti, residenti, ħaddiema u oħrajn, filwaqt li jinkoraġġixxi l-iskambju u l-użu ġdid ta' spazji u ambjenti differenti.

Bħalissa Francesca taħdem bħala disinjatriċi tal-kostumi, il-props u s-settijiet fl-Italja u l-Iżlanda. Hi kkollaborat ma' diversi studjows tad-disinn inkluż l-istudjow Ġappuniż Isao Hosoe. Il-passjoni tagħha għax-xogħol tal-idejn wasslitha biex taħdem ukoll fid-disinn tal-kostumi u l-palk, l-arti tat-tessuti u t-tpenġija. Għal Francesca, l-għarfien dwar il-fażi tal-produzzjoni ta' kwalunkwe oġġett artistiku jew industrijali sa mill-bidu tiegħu huwa importanti, għaliex dan jippermettilha tuża l-aktar teknika adattata għall-espressjoni. Fl-2012, Francesca bdiet tikkollabora ma' fotografi u vidjografi sabiex tesplora l-identità umana permezz ta' ritratti ta' persuni bil-maskri fuq wiċċhom, u bl-użu ta' materjali u tekniki differenti. Hija ħadmet fuq

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**

VALLETTA CULTURAL AGENCY

maskri għal Harper's Bazaar fl-Istati Uniti u anke fuq kostumi għal xi vidjows mużikali. Il-proġetti tagħha ġew esibiti ġewwa Londra, Milan, Moska, Saratov u Wroclaw.

Dan huwa l-ewwel minn żewġ proġetti ta' Artisti f'Residenza fil-Programm Kulturali tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta għall-2019. It-tieni artista se tkun qed tgħix u taħdem ġewwa l-Belt Valletta bejn l-aħħar ta' Novembru u l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

Għal aktar informazzjoni u biex iżżomm ruħek aġġornat mal-proġetti u l-avvenimenti li ġejjin, segwi u agħmel 'like' fuq il-paġna ta' Facebook, Valletta Cultural Agency.

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**